MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 3/2005

**Rita Cauchi**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Dicembru, 2004, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Decizjoni appellata tat-18 ta' Settembru 2004:-

*"L-applikazzjoni tieghek ghall-Ghajnuna Socjali kienet mistharrga u gie deciz li m' intix intitolat ghal din l-"Assistenza ghaliex id-Direttur mhux sodisfatt li qeghda tifforma familja al rasek u li inti kap tal-familja".*

L-appell:-

*“Jiena kelli nisepara minn zewgi minhabba swat. Nies jigu minni fejn immur ma kellix. Inzerta kien hemm habib kont nahdem mieghu u laqani ghandu sakemm ikolli flus u insib nikri. Nitlob li jinhareg ir-relief halli inkun nista nikri u nghix ghar-rasi jien u binti Ritianne ta 21 sena li bhalissa hi ukoll bla xoghol”.’*

Risposta tad-Direttur:-

- *“Illi l-appellanti applikat ghall-Ghajnuna Socjali fis-26 t’ Awissu 2004.*
- *Illi t-talba giet michuda ghar-raguni li skond l-applikazzjoni imsemmija fil-paragrafu precedenti, hija ddikjarat li hemm jghix maghha certu James Edwards 140451M u ghalhekk id-Direttur ma setax ikun sodisfatt li l-appellanti qed tifforma familja ghal rasha u/jew li hija l-kap tal-familja.*
- *Illi ghalhekk fit-18 ta’ Settembru 2004, id-Direttur informa lill-appelanti bid-decizjoni negattiva tieghu.*
- *Illi dan ma jqanqal ebda punt ta’ ligi jew principju ta’ mportanza ghalhekk ghandu jigi michud”.*

Jirrizulta illi effettivament l-appellanti tghix ma persuna ohra fl-istess dar. Skond l-Att dwar is-Sigurta` Socjali meta gewwa fond wiehed joqghodu aktar minn persuna wahda id-Direttur ghandu d-diskrezzjoni li jiddeciedi minn minhom huwa l-kap tal-familja. Gialadarba iddecieda li l-appellanti ghall-finijiet tal-ligi ma hiex il-kap tal-familja allura hija ma hix intitolata ghall-ghajnuna socjali.

Ghaldaqstant l-Arbitru jichad dan l-appell.”

Minn din is-sentenza appellat ir-rikorrenti Rita Cauchi li talbet ir-revoka taghha. Fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza tissottometti dawn l-aggravji:-

(1) Il-fatt li hi tghix u tabita ma’ certu James Edwards taht l-istess saqaf ma jfisserx li dawn ghandhom jigu kkunsidrati bhala “familja”;

(2) Jekk ser jigu meqjusa bhala “familja” allura l-materja trid tigi regolata skond il-Kodici Civili anke ghar-rigward ta’ min hu l-kap tal-familja;

(3) Id-Direttur ma ta ebda raguni ghaliex arbitrarjament iddecieda illi hi mhix il-kap tal-familja. F’ kull kaz id-decizjoni tad-Direttur tmur kontra l-Att dwar l-Ugwaljanza ghall-Irgiel u n-Nisa;

Mill-inkartament tal-kaz u mill-istess korp tar-rikors ta’ l-appell mhux kontestat bhala fatt illi l-appellanti, avvenuta s-separazzjoni minn ma’ zewgha (ara kuntratt tas-7 ta’ Lulju 2004), qed tghix ma’ certu James Edwards fid-dar ta’ dan. Lanqas ma huwa kuntrastat illi l-appellanti applikat ghall-Ghajnuna Socjali u li t-talba taghha giet rigettata mid-Direttur appellat ghall-motiv li kif delinejat fir-risposta quddiem l-Arbitru “d-Direttur ma setax ikun sodisfatt li l-appellanti qed tifforma familja ghal rasha u/jew li hija l-kap tal-familja”. Fid-decizjoni tieghu l-Arbitru ma laqax il-pretensjoni ta’ l-appellanti u issa din qeghda timpunja din id-decizjoni billi, dejjem skond l-appellanti, l-Arbitru irrestringa l-ezami tal-kwestjoni fl-ambitu tal-ligi tas-sigurta` socjali minghajr ma ezaminaha fil-qafas tal-Kodici Civili u l-principji kostituzzjonali;

M’ hemmx dubbju illi mill-kontenut ta’ l-aggravji u ta’ din l-ahhar sottomissjoni fuq riportata l-kwestjoni devoluta lil din il-Qorti hi wahda ta’ indoli legali;

Ghal finijiet tal-ligi dwar is-Sigurta` Socjali (Kapitolu 318) insibu annoverat fost id-definizzjonijiet provvduti mill-Artikolu 2 dawn it-tifsiriet ghal kliem meritu tal-kwestjoni nvoluta f’ dan il-kaz:-

(i) “familja” tfisser “persuna wahda li fl-opinjoni tad-Direttur tkun tabita wahedha jew zewg persuni jew izjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bhala familja”;

(ii) "<u>kap ta' familja</u>" dwar familja li tkun ta' zewg persuni jew izjed tfisser "dik il-persuna li, fl-opinjoni tad-Direttur, tkun il-kap tal-familja";

L-appellanti tissottometti fl-ewwel lok illi d-definizzjoni moghtija mill-Kapitolu 318 lil kelma "familja" hi biss ezempju u d-Direttur tas-Sigurta` Socjali ma ghandu ebda dritt li jiddeskrivi lilha u lil James Edwards bhala familja fis-sens ta' dak il-Kapitolu. Fit-tieni lok tissottometti illi jekk si tratta ta' familja r-rapport bejnha u l-imsemmi James Edwards ghandu jigi nkwadrat fil-parametri tad-dritt civili ordinarju;

Bir-rispett kollu din il-Qorti, kif presjeduta, ma taqbelx ma' dawn il-proposizzjonijiet. Ibda biex, fir-rigward ta' l-ewwel proposizzjoni, it-tifsira li l-legislatur ried jaghti lill-kelma "familja" hi dik singolari u specjali marbuta ma' l-element tal-ko-abitazzjoni biss, u mhux necessarjament ma' xi relazzjoni familjari konsegwita minn zwieg jew konsangwinita`. Ir-*ratio legis* tad-definizzjoni fil-kaz ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali hi *toto coelo* diversa minn dik ta' ligijiet ohra. Ghalhekk jinghad appunti illi "*lex eadem est servanda ubi militat eadem ratio*". A propozitu, fit-tifsira tal-kelma "<u>family</u>" fl-**Oxford Dictionary of Law**, Fourth Edition, 1997 jinghad li din tikkomprendi "*a group of people connected by a close relationship. For legal purposes a family is usually limited to relationships by blood, marriage, or adoption, although sometimes (e.g. for social security purposes) statute expressly includes other people, such as common-law wives. The courts have interpreted the 'family' to include unmarried couples living as husband and wife in permanent and stable relationships*";

In bazi ghal din il-konsiderazzjoni huwa bil-wisq logiku illi kull referenza ghad-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili relattivi ghall-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg fi hdan il-familja hi mproponibbli fil-kuntest tal-ligi dwar is-

sigurta` socjali. Gja nghad illi t-test fl-espressjoni tal-kelma “familja” taht din il-ligi hu dak tal-ko-abitazzjoni, u kif insibu fit-tifsira tal-kelma “*cohabitation*” fid-dizzjonarju precitat “*under the cohabitation rule the resources and requirements of an unmarried couple living together are aggregated for the purposes of claiming social security benefits under the Social Security Acts even in the absence of a sexual relationship*”;

Fir-rigward tat-tieni proposizzjoni din il-Qorti ma tistax konsistentement mal-ligi applikabbli (Kapitolu 318) taccetta l-argoment ta’ l-appellanti illi anke jekk accettat illi hi u James Edwards jikkostitwixxu “familja” allura l-materja trid tigi interpretata fl-ambitu tal-Kodici Civili;

Issa anke jekk din il-Qorti lesta tikkoncedi illi l-applikazzjoni ta’ ligi specjali ma tistax in linea ta’ massima generali tigi insulata mil-ligijiet ordinarji, pero` meta d-disposizzjoni jew tifsira tal-kliem taht il-ligi specjali hi cara jew il-Qorti tkun tal-fehma li dik id-disposizzjoni jew espressjoni jew kelma ghandu jkollha certa interpretazzjoni, il-Qorti ma tistax tiddeklina li tapplikaha, anke jekk ikun jidher li jezisti jew li jista’ jkun hemm konflitt ma’ l-ordinament taht il-ligi generali. Fil-kaz prezenti, kif gja manifest, it-tifsira tal-kelma “familja” hi ben cara u ma thalli ebda lok ghal xi ekwivoku. Anke allura din il-proposizzjoni ta’ l-appellanti f’ dan il-kuntest ma tistax ragonevolment tkun kondiviza;

Fermi dawn l-osservazzjonijiet, din il-Qorti ma ssibx li fic-cirkostanzi d-Direttur ghamel xi decizjoni ta’ ligi zbaljata meta kkunsidra lill-appellanti bhala komponenti tal-familja ta’ James Edwards u lil dan bhala kap tal-familja. Il-Qorti ssib li c-cirkostanzi fattwali f’ dan il-kaz kienu tali li d-Direttur, skond it-tifsira moghtija lill-espressjoni “kap tal-familja”, sew ezercita l-diskrezzjoni tieghu, *intra vires* il-poteri tieghu u b’ vizjoni korretta tal-ligi. Konsegwentement ma ssibx li sar xi trattament differenti fil-konfront ta’ l-appellanti u ma tarax kif din tista’ ssostni li giet diskriminata minhabba s-sess taghha. Jidher invece

li l-gudizzju tad-Direttur, oltre li kien konfacjenti mal-ligi, kien ukoll rikonciljabbli ma’ ezercizzju korrett tas-setghat diskrezzjonali tieghu kif sostenut mir-rizultanzi fattwali. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tissindika l-operat tad-Direttur taht dan l-aspett u, allura wkoll, ma thossx li ghandha tiddissenti mill-konkluzjoni ta’ l-Arbitru.

Ghal dawn il-motivi l-appell ma jistax, fil-hsieb tal-Qorti, jigi akkolt u ghalhekk il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-istess u tikkonferma d-decizjoni appellata. Stante ic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, l-ispejjez ta’ l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------